MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Numru. 850/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Cyrus Engerer**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Cyrus Engerer bin Christopher u Mary nee' Palmier, imwieled Pieta' fit-28 ta' Settembru 1981 u residenti 27, Triq San Pietru, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 644981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Dicembru 2009 u fix-xhur ta' qabel, minghajr awtorizazzjoni :

(a) uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk
(b) Ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor,

(c) Ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm,

(d) Ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom ;

Bejn id-29 ta' Dicembru 2009 u l-15 ta' Jannar 2010 b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

(e) kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg meta dan ma kienx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi ligi ohra,

(f) Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghat-tqassim, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen,

(g) Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Marvic Camilleri, weggu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Marvic Camilleri u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Ottubru 2011 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011
l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-15 ta' Jannar 2010 certu Marvic Camilleri ghamel rapport mas-Cyber Crime Unit fi hdan il-Pulizija Ezekuttiva fejn kellem lil dak iz-zmien PS 1116 Timothy Zammit (illum Spettur) u nfurmah li huwa country manager ma SAK Limited u spjegalu li xi haddiema fi hdan il-kumpanija kienu rcevew ritratti permezz ta' email (minn fuq l-email address qwertymalta@hotmail.com) liema ritratti kienu juru lill-istess Marvic Camilleri f'posizzjoni kompromettenti flimkien ma persuni ohra tal-istess sess. Dawn ir-ritratti kienu jinstabu saved f'folder fuq il-kompjuter tal-imsemmi Camilleri fid-dar tieghu fil-Furjana u huwa ghalhekk inghata struzzjonijiet sabiex jaghmel rapport[1] l-Ghassa tal-Belt. Marvic Camilleri mal-ewwel informa lil Pulizija li kellu suspett li l-emails kienu intbaghtu mill-ex-partner tieghu, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna.

Marvic Camilleri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2011 spjega li fil-jiem qabel

[1] Rapport inserit a fol. 84 sa 86 tal-atti processwali.

ma ghamel ir-rapport, precizament fil-25 ta' Dicembru 2009, kienet giet terminata r-relazzjoni li huwa kellu mal-imputat. Huwa spjega li waqt li kienet ghadha ghaddejja r-relazzjoni mal-imputat dan tal-ahhar kien jghix mieghu fir-residenza tieghu fil-Furjana u huma kienu iqattghu hafna hin flimkien f'din ir-residenza fejn kien jinsab il-kompjuter ta' Marvic Camilleri. Dan tal-ahhar qal li f'dan il-kompjuter huwa kellu ritratti tieghu mehuda fuq medda ta' hames snin u r-ritratti li gew imxerda permezz tal-emails ma kienux izolati izda kienu jiffurmaw parti minn album u issejvjati f'my pictures u setghu jigu wkoll accessed mid-desktop. Camilleri jispjega li f'Novembru 2009, hu u Cyrus Engerer kien gja' kellhom incident f'restaurant Ghawdex pero' wara dan l-argument baqghu jiffrekwentaw lil xulxin ghal madwar hmistax jew tlett gimghat ohra. Ir-relazzjoni itterminat definittivament fil-Milied ta' l-2009 u ghalkemm din kienet itterminat, xorta wahda fl-1 ta' Jannar 2010 kmieni fil-ghodu, kien hemm incident iehor fejn l-Imputat mar wara l-bieb tad-dar ta' Camilleri gewwa l-Furjana izda dan ma fetahlux. Illi f'dan il-perijodu qasir, bejn it-tmiem tar-relazzjoni u z-zmien li gew mibghutha dawn l-emails mertu ta' dawn l-investigazzjonijiet, Camilleri mar iqatta' weekend Ghawdex u peress li l-imputat kien ghad kellu xi affarijiet id-dar tieghu Camilleri hallielu c-cavetta tar-residenza sabiex sakemm hu jkun Ghawdex, l-imputat jilhaq jiehu hwejgu u b'hekk jevita milli jiltaqa mieghu. Marvic Camilleri jghid li jissuspetta li kien propju f'din l-okkazzjoni li sar l-ikkupjar jew tehid ta' materjal mill-kompjuter tieghu. Camilleri jikkonferma wkoll illi hadd ma kien jidhol f'din ir-residenza ghajr ohtu u l-imputat. Camilleri spjega inoltre li fi zmien qasir wara dan l-argument ma Cyrus Engerer, Norbert Muscat, accounts manager mal-kumpanija SAK Limited u kollega ta' Marvic Camilleri gibidlu l-attenzjoni ta' x'kien qed jigri u qallu li fuq ix-xoghol kienu qed jircievu dawn it-tip ta' ritratti permezz ta' email liema email kien urihulu u fuqha ra bejn erba' u hames ritratti. Marvic Camilleri xehed illi Norbert Muscat, bhala l-persuna teknika, kien qallu li r-ritratti ntbaghatu l-ewwel darba qrib il-bidu ta' Jannar u intbghatu lid-direttur tal-kumpanija Simone Mizzi. Imbaghad kien hemm attentat iehor u regghu intbghatu lil Simone Mizzi ghat-tieni darba. L-ewwel darba li rceviet dan l-email Mizzi ma

kinitx hadet passi ghax hasbet illi s-sitwazzjoni kienet ser tieqaf hemm. Meta regghu intbghatu imbaghad u intbghatu wkoll lis-segretarja ta’ Camilleri, Lourdes Muscat u lil Norbert Muscat, kien hemm diskussjoni bejn Norbert Muscat u d-direttrici dwar x’passi kienu ser jiehdu. It-tielet darba li intbghatu, intbghatu ukoll lil haddiema fil-hwienet kollha ta’ Body Shop u cioe l-hwienet tal-kumpanija SAK Limited. Marvic Camilleri xehed ukoll illi l-email addresses tal-hwienet The Body Shop, m’humiex email addresses komuni izda ghandhom code abbinat mal-cash register tal-hanut rispettiv u ma kienux fil-public domain. Fil-fatt dawn jintuzaw ghal internal use biss u sabiex jigu accessati, riedu jigu accessati minn informazzjoni ohra liema nformazzjoni hu kellu ssejvjata fil-kompjuter. Dan ifisser li min seraq ir-ritratti seraq ukoll din l-informazzjoni. Marvic Camilleri spjega li r-ritratti li kienu ircevew il-kollegi tax-xoghol tieghu permezz tal-email kienu ritratti li kellu hu fil-kompjuter tieghu u ma kienx hemm mod kif dawn ir-ritratti setghu hargu minn gor-residenza jekk mhux b’dan il-mod u ghaldaqstant kien facli ghalih jindika s-suspett tieghu lis-Surgent Zammit. Marvic Camileri jsostni illi wara li l-kaz gie pprezentat il-Qorti l-imputat kien prova jbezzghu billi qallu li kien fl-interess tieghu, (ie. ta’ Marvic Camilleri) li l-kazijiet ma jikbrux ghaliex altrimenti d-Difiza jkollha turi affarijiet fil-Qorti li jiddispjacih jekk jidru. Fil-fatt, Marvic Camilleri jghid li l-biza’ tieghu hija li ma gewx ikkuppjati biss dawn ir-ritratti izda giet ikkuppjata d-data kollha li kellu fuq il-kompjuter tieghu u din setghet jew tista’ tibqa’ tintuza ghal dan il-ghan. Marvic Camilleri jghid inoltre li wara li rraporta l-kaz lil Pulizija kien iltaqa’ ma habiba ta’ Cyrus Engerer gewwa Bugibba, certa Rita Alamango, Manager gewwa GasanMamo Insurance fil-branch tar-Rabat, Malta u tkellmu dwar l-akkadut. Huwa spjega li Rita Alamango qaltlu li tissimpatizza mieghu u kkonfermatlu wkoll li Engerer kien stqarr maghha li jiddispjacih li ghamel dawn l-affarijiet.

Illi f’dawn il-proceduri xehed ukoll l-Ispettur Timothy Zammit li kkonduca l-investigazzjonijiet min-naha tas-Cyber Crime Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija fejn dan prezenta CD bir-ritratti li ntbaghtu minn email account qwertymalta@hotmail.com lil management u diversi

impjegati ta' SAK Limited liema CD tinsab a fol 45 kif ukoll printout mill-profile ta' facebook ta' l-Imputat bhala Dok TZ 4 A fol 52. L-Ispettur Zammit qal li waqt l-investigazzjonijiet tieghu irrizultalu s-segwenti fatti :-

- l-email address li ntuza biex jintbghatu dawn ir-ritratti kien qwertymalta@hotmail.com
- gie krejat fid-29 ta' Dicembru 2009 u cioe' erba t'ijiem biss wara li Marvic Camilleri u l-Imputat itterminaw ir-relazzjoni taghhom. Fil-fatt fil-facebook account tieghu l-Imputat f'din l-istess data bidel l-istatus tieghu minn "in a relationship" ghal "single"
- Dan l-email address gie accessat disa'(9) darbiet bejn id-29 ta' Dicembru 2009 u it-08 ta' Jannar 2010 minn 26, Triq l-Gherien tal-Wied, Mosta fejn fl-istqarrija tieghu a fol 24 l-Imputat jikkonferma li din hija r-residenza t'ommu u jghidilna li wara li tterminat ir-relazzjoni ma Marvic Camilleri mar joqod f'dan l-indirizz m'ommu ;
- Darba (1) fil-31 ta' Dicembru 2009 minn IP address amministrat minn Melita plc u assenjat lil GasanMamo Insurance ta' Triq Santa Rita, Rabat.
- Darba (1) fil-15 ta' Jannar 2010 minn Brussell fejn anki fuq facebook l-Imputat kiteb li bejn it-08 u l-15 ta' Jannar 2010 kien jinsab Brussell;
- Minn IPhone u cioe minn IP Address li huwa amministrat mill-Vodafone pero huwa assenjat ghal-persuni li jipposjedu I Phone. Kif xehed l-Ispettur Timothy Zammit jirrizulta illi l-Imputat kien japdejtja l-profile ta' facebook tieghu minn application jisimha 'facebook for I Phone' u fil-fatt fl-istqarrija tieghu a fol 24 l-Imputat stqarr illi n-numru tal-mobile tieghu huwa 79281981, huwa I Phone 4 u juza servizz ta' Vodafone.

F'dawn il-proceduri xehedu ir-rapprezentanti tas-service providers li lkoll ikkonfermaw l-informazzjoni li kienu ghaddew lill-Ispettur Timothy Zammit fil-kors tal-investigazzjoni tieghu.[2]

---

[2] Ara xhieda ta' Michelle Penza (Vodafone pLc ) a fol. 151, xhieda ta' Dr. Antoine Camilleri (rapprezentant Microsoft Corporation) a fol. 14, xhieda ta' Michael Camilleri (Melita Plc) a fol. 146 u xhieda ta' Charmaine Galea Triganza (Go Plc) a fol. 149.

Rita Alamango li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Jannar 2012 spjegat li hija manager fl-ufficcju ta’ GasanMamo Insurance fir-Rabat u qalet li hija l-unika impjegata fil-branch tar-Rabat fejn ilha tahdem hames snin. Hija qalet li ilha taf lill-imputat madwar sentejn u nofs u spjegat li huwa ta’ sikwit kien imur jiltaqa’ maghha waqt il-brejk sabiex imorru jieklu flimkien u li meta kien jasal kmieni kien joqghod jistenniha tispicca x-xoghol taghha u waqt li jistenna kien juza t-tieni kompjuter li kellhom fl-ufficcju. Hija tghid li l-imputat huwa l-unika persuna li ghamel uzu mill-kompjuter tal-ufficcju minghajr ma gie sorveljat minnha.

Meta xehed Norbert Muscat waqt l-udjenza tas-26 ta’ Jannar 2012 huwa spjega li huwa mpjegat bhala Accounts Manager mal-kumpanija SAK Limited li topera l-hwienet tal-Body Shop hawn Malta. Dan ix-xhud qal li kienet kelmitu Simone Mizzi d-direttrici tal-kumpanija fejn qaltlu li kienet irceviet email b’ritratti ta’ Marvic Camilleri u hija tatu l-email address minn fejn irceviet din l-email u huwa kien tkellem mal-kumpanija li topera s-server taghhom sabiex jigi blukkat dan l-e-mail address. Dan ix-xhud izda kompla jispjega li sfortunatament dan l-imblukkjar ma hadimx tajjeb ghaliex fil-15 ta’ Jannar 2010 hu u mpjegata ohra, certu Lourdes Muscat, u erba’ hwienet tal-Body Shop f’Malta ircevew email minn dan l-istess email address li kien fiha erba’ ritratti ta’ Marvic Camilleri f’posizzjonijiet kompromettenti ma rgiel ohra. Norbert Muscat xehed ukoll li wara li rcevew dan l-email, kien rega kellem lil kumpanija, li jiehdu hsieb is-server u fil-fatt blokkaw l-email. Dan ix-xhud jghid wkoll illi sabiex ikun cert, waqfu l-access tal-hwienet kollha milli jibghatu u jircevu email ‘l barra mill-kumpanija  sabiex zgur hwienet ohra ma jigux esposti ghal dawn l-affarijiet. Muscat spjega li dan ifisser li jekk din l-email regghat ntbaghtet is-server blokkaha u huma lanqas biss ikunu jafu li giet blokkata.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda fit-23 ta' Gunju 2011 huwa rrilaxxja stqarrija[3] fejn ghazel li ma jwegibx ghal hafna mid-domandi li sarulu u fejn jikkonferma li fl-2009 kien joqghod il-Furjana ma Marvic Camilleri mbaghad minn hemm mar perijodu zghir ghand ommu 26, Triq l-Gherien tal-Wied, Mosta. Jikkonferma wkoll li huwa kellu relazzjoni ma Marvic Camilleri u li din giet terminata f'Dicembru 2009. Jikkonferma wkoll li kwazi Jannar 2010 kollu huwa kien imsiefer u l-ewwel gimgha tas-safar tieghu kien qattaghha Brussell. Jikkonferma wkoll li l-kompjuter tal-Furjana kien xtrah Marvic Camilleri qabel ma bdiet ir-relazzjoni ta' bejniethom u wara zammu l-istess Camilleri.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta pjuttost evidenti li l-persuna li baghtet l-emails bir-ritratti li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza riedet tohloq imbarazz u taghmel hsara lil Marvic Camilleri ghaliex l-email bir-ritratti kompromettenti intbaghtet f'aktar minn okkazzjoni wahda lid-direttur tal-kumpanija li maghha kien jahdem Camilleri u mbaghad intbaghtet ukoll lil zewg impjegati ohra u fil-hwienet gestiti mill-kumpanija li taghha l-imputat kien country manager. Marvic Camileri mal-ewwel indika lill-imputat bhala l-persuna suspettata u dan ghaliex dejjem skond Camilleri l-imputat fiz-zmien li huma kellhom relazzjoni kien l-unika persuna li kellu access ghall-kompjuter tieghu u ghalkemm huwa kien awtorizzat jaghmel uzu mill-istess kompjuter dan kellu jsir fil-prezenza ta' Camilleri u l-imputat qatt ma inghata awtorizzazzjoni mill-istess Camilleri sabiex jiehu jew jikkopja data mill- kompjuter u jitrasmettiha lil terzi. Mill-provi rrizulta wkoll li fiz-zmien in dizamina l-imputat kien l-unika persuna li maghha Marvic Camilleri kellu argument u li ghalhekk seta' kellu nteress jaghmillu hsara. Mill-provi rrizulta inoltre li r-relazzjoni bejn l-imputat u Camilleri giet terminata fil-25 ta' Dicembru 2009 u li fil-weekend ta' wara Camilleri mar Ghawdex u awtorizza lill-imputat sabiex jidhol fid-dar tieghu sabiex jiehu l-hwejjeg personali tieghu. Irrizulta wkoll li l-email account minn fejn intbaghtu

---

[3] Inserita a fol. 24 et sequitur tal-atti processwali.

l-emails in dizamina gie krejat fid-29 ta' Dicembru 2009 u li wara li giet itterminata r-ralazzjoni ma Camilleri l-imputat mar joqghod ghand ommu il-Mosta minn fejn ukoll gie accesssat l-email account in dizamina. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta wkoll li fl-ewwel gimgha ta' Jannar huwa kien Brussels u li qatta kwazi x-xahar kollu ta' Jannar imsiefer bejn Brussels u Parigi. Mix-xhieda ta' Rita Alamango inoltre rrizulta li l-imputat kellu access ghall-kompjuter ta' GasanMamo Insurance fir-Rabat minn fejn ukoll gie accessed l-email account qwertymalta@hotmail.com.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq diversi provi indizjarji (circumstantial evidence) li skond hi kollha jippuntaw lejn l-imputat bhala l-persuna li baghtet l-emails in dizamina. Il-Qorti setghat tinnota li ma ngabet ebda prova diretta li tistabbilixxi ness bejn l-IP address u l-imputat. Illi kif gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna huwa principju ben assodat li l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnislu f'mohh il-gudikant konvinciment morali lil hinn minn kull dubju ragonevoli dwar ir-reita' tal-persuna imputata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referanza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tas-17 ta' Settembru 2008, fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Pierre Buttigieg preseduta mill-Onor Imhallef Joseph Galea Debono fejn intqal illi :

« *Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.* »

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal sentenza ohra moghtija fis-6 ta' Mejju 1961 fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal li :

« *Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.* »

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-provi ndizjarji prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jippruvawx bi precizjoni matematika li l-imputat kien il-persuna li kreja l-email account in dizamina u baghat l-emails bir-ritratti li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti jidrilha li dawn il-provi ma jistghux jitqiesu li huma univoci ghaliex ghalkemm din il-Qorti tista' tasal fuq bazi ta' probabilita' li kien l-imputat li baghat dawn l-emails madanakollu bil-provi li ghandha f'idejha ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta htija fil-konfronti tal-imputat fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni billi ma hemmx prova wahda konkreta li tistabbilixxi ness bejn l-imputat u l-emails bir-ritratti mertu tal-kawza. Ma ngabitx prova per ezempju li l-imputat kien l-unika persuna li kellha access ghall-kompjuter fir-residenza ta' ommu fil-Mosta. Din il-Qorti l-anqas ma tista' teskludi b'certezza li r-ritratti in dizamina kienu fil-pussess tat-terzi persuni li wkoll jidhru fir-ritratti u li ghalhekk setghu intbagthu minnhom. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li fl-assenza ta' ness dirett bejn l-IP address li minnu ntbaghtu l-emails u l-imputat ma tistghax tinstab htija biss abbazi tal-provi indizjarji migjuba mill-Prosekuzzjoni stante li dawn il-provi m'humiex univoci u jhallu dubju f'mohh il-gudikant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn 'a' sa 'f' u konsegwentement tilliberah minnhom. Stante li l-parti civili Marvic Camilleri rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala 'g' u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------